

*Fl-okkażjoni tal-35 anniversarju tal-Inkurunazzjoni*

# Il-Kwadru Titulari attribwit lil ... Stefano Erardi minn Dr. Keith Sciberras Ph.D.

*intervistat minn Frans Deguara*

*Fit-22 ta' Novembru 2009, Dr. Keith Sciberras nieda l-ktieb interessanti ferm u riċerkat immens '**Baroque Painting in Malta**'. U fost il-ħafna u ħafna ritratti eċċezzjonali tal-pittura Barokka hemm it-Titular tar-Rotunda tal-Mosta (paġna 224, u dettall minnu f'paġna 436). Naturalment malli ġie f'idejja (bħala rigal tal-Milied mingħand it-tfal, u Olivia kienet propju studenta ta' Dr. Keith Sciberras) mill-ewwel xtaqt li Dr. Sciberras jiktibli xi ħaġa għall-annwal 2010 dwar is-sejba tiegħu fejn huwa attribwixxa t-Titular tal-Mosta lil Stefano Erardi u mhux lil Pasquale Buhagiar, kif tradizzjonalment dejjem qalulna u qrajna. Dan il-fatt jagħmlu aktar interessanti għax jaħbat propju fil-35 anniversarju tal-Inkurunazzjoni tiegħu li seħħet fl-10 t'Awwissu 1975 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi bit-tħabrik tal-mibki Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina.*

*B'rabta ma' din l-attribuzzjoni tiegħu, fit-18 ta' Marzu 2010, huwa ta taħdita nteressanti ferm fil-Każin Nicolò Isouard, waqt serata mtellgħa bl-inizjattiva tal-Kummissjoni Kultura, fejn spjega b'mod dettaljatament kif wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Ara wkoll 'Mid-Djarju Isouardjan'.*

## 'Baroque Painting in Malta'

Il-ktieb jintraċċa l-istorja tal-pittura Barokka f'Malta li tirrifletti dik tal-peniżola Taljana, u f'ħafna każijiet, saħansitra tista' tkun integrata direttament fiha. F'termini ta' kwantità, il-gżira tagħna hija prolifika b'mod impressjonanti, filwaqt li f'termini ta' kwalità, ix-xogħlijiet ivarjaw ħafna.

Madankollu hemm ċerti eżempji famużi meta Malta kienet fuq quddiem tal-iżvilupp stilistiku b'mod sinifikanti. Xi artisti Maltin ħadmu wkoll 'il barra minn xtutna u xi wħud, bħal pereżempju Francesco Noletti (*il Fieravino*) (c.1611-1654) għamel avvanzi kbar f'Ruma, 'l-omm' il-bliet kollha.

Però fuq in-naħa l-oħra, iċ-ċokon ta' Malta kien ifisser ukoll li lokalment jista' jkun kundizzjonat faċilment minn xi wieħed jew aktar artisti kbar li jkunu qed jaħdmu hawn. Għalhekk artist mimli talent, Malti jew barrani, kien kapaċi jeżerċita nfluwenza enormi fuq l-kurrenti stilistiċi li jkunu qed jiddominaw f'dik l-epoka.

Infatti l-istorja tal-pittura Barokka f'Malta hija mmarkata minn dawn l-artisti. Il-kuntest politiku affaxxinanti tal-gżira tagħna ħalla wkoll il-marka tiegħu b'mod impressjonanti fuq il-karattru artistiku. Matul dan il-perjodu, Malta kienet maħkuma mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta. L-influwenza politika tal-kavallieri u s-salib tagħhom ukoll attiraw lejhom bħal kalamita artisti kbar bħal Caravaggio (1571-1610), Leonello Spada (1576-1622) u Mattia Preti (1613-1699), filwaqt li l-gosti rfinuti tagħhom rawhom jiġu kkummissjonati xogħlijiet importanti mill-kontinent.

Pitturi ta' Battistello Caracciolo (1578-1635), Guido Reni (1575-1642), Andrea Sacchi (c.1600-1661), Alessandro Turchi (1578-1649), Francesco Romanelli (c.1610-1662), Benedetto Luti (1666-1724), u Agostino Masucci (c.1691-1758) inġiebu Malta waqt il-perjodu tal-istudju tagħhom. Imbagħad anki xi kavallieri ġabu




**Il-qoxra tal-ktieb *'Baroque Painting in Malta'* ta' Dr. Keith Sciberras li jintraċċa l-pittura Barokka f'Malta, fejn fih jattribwixxi t-Titular tal-Mosta lil Stefano Erardi.**

maghhom pitturi privati u oġġetti oħra artistiċi biex iżejjnu r-residenzi tagħhom fil-Belt Valletta.

F'ċerti każijiet il-prattika kienet li xogħlijiet artistiċi kienu jinbiegħu privatament filwaqt li f'oħrajn, fejn il-kavallieri nnifishom mietu f'xi kunvent, il-pitturi kienu jiġu konsekwentement trasferiti għall-patrimonju ġenerali tal-Ordni. Xi dokumentazzjonijiet jitkellmu dwar pitturi attribwiti lil Tiziano (c.1473/1490-1576), Tintoretto (1518-1594), Veronese (1528-1588), Rubens (1577-1640), u Van Dyck (1599-1641), anki jekk ma setgħax ikun possibbli li l-istess dokumenti jiġu korrelatati ma' pitturi speċifiċi. Min-naħa l-oħra pitturi ta' Jusepe de Ribera (1591-1652), Luca Giordano (1634-1705), u oħrajn ġew salvati fl-kollezzjonijiet Nazzjonali u privati.

Forza oħra kbira u nfluwenti fuq Malta kienet il-Knisja Kattolika, kemm bħala Djoċesi kif ukoll l-Ordnijiet Reliġjużi l-kbar. U l-ħafna knejjes imxerrda mal-gżira kollha pprovdew klima fertili għall-produzzjoni ta' immaġini reliġjużi, li jinkludu pitturi għall-artali, sottokwadri, laterali, lunetti, u rappreżentazzjonijiet oħra devozzjonali. In-nobbiltà Maltija u l-klassi merkantili pprovdew ukoll suq tajjeb għall-pittura u xogħol fuq it-tila, iżda għalkemm is-sehem tagħhom kien żgħir, xorta waħda kien importanti.

Pitturi bħal Mattia Preti, Stefano Erardi (1630-1716), Gio Nicola Buhagiar (1698-1752), Francesco Zahra (1710-1773) u Antoine de Favray (1706-c.1791) spikkaw bħala protagonisti. F'dan l-isfond, dan il-ktieb jistħarreġ il-kuntest u l-karattru tal-pittura Barokka f'Malta u jiddiskuti x-xogħol tal-protagonisti l-kbar f'dan is-settur.

Dan il-ktieb huwa r-riżultat ta' riċerka profonda fuq l-arti Barokka f'Malta. Għandu format ta' 300mm x 240mm, fih 464 paġna u mżewwaq b'aktar minn 450 ritratt, ħafna minnhom fotografati appositament għal dan il-ktieb mill-fotografu bravu Joe P. Borg. Dan il-ktieb huwa meqjus bħala l-aqwa ktieb dwar l-arti Barokka f'Malta għas-snin li ġejjin.

B'dan il-'kwadru artistiku' quddiem għajnejja kkuntattjajt lil Dr. Keith Sciberras (u wara ħafna tentattivi, sa minn Diċembru 2009, il-perseveranza ġiet ippremjata!!) u fl-aħħar aċċetta li jirrispondi xi mistoqsijiet dwar dan it-Titular tant għażiż u għal qalb il-Mostin.

## *Minn fomm Dr. Keith Sciberras innifsu ...*

Wara dik l-introduzzjoni pjuttost daqsxejn twila iżda elokwenti għal din l-attribuzzjoni storika ngħaddu għal xi mistoqsijiet, li nittama li huma wkoll ta' ħafna dilettanti tal-arti, Mostin u mhumiex.

*Dr. Sciberras, kif tinkwatra l-pittura Titulari tal-Assunta tal-Mosta fl-istorja ġenerali tal-arti Maltija?*

Jien nikkonsidra dan il-kwadru tal-Assunta bħala wieħed mill-iktar importanti li għandna fil-knejjes Maltin. Huwa kwadru li jiddata għall-aħħar tas-seklu sbatax u għandu jitqies fost l-aqwa xogħlijiet ta' Stefano Erardi. Erardi kien protagonist ewlieni tal-arti Barokka f'Malta, u kien irnexxielu jżomm post ta' importanza anki jekk fi żmienu kien hawn ukoll l-artist Taljan Mattia Preti, li kien qed jiddomina x-xena lokali.

*X'taħseb fuq il-fatt li għal żmien twil il-kwadru kien attribwit lil Pasquale Buhagiar?*

Hemm diversi każi fl-istorja tal-arti fejn, għal diversi raġunijiet, kwadri jiġu attribwiti lill-artisti oħrajn u din l-attribuzzjoni tidħol fl-istorja tal-post bħalli kieku kienet fatt. Hekk ġara fil-Mosta. Il-pittura Titulari ġiet imniżżla bħala ta' Pasquale Buhagiar fi żmien pjuttost bikri u nsibuha f'manuskritt tas-seklu tmintax (fi traskrizzjoni tal-Vista Pastorali tal-Isqof Molina). E.B. Vella kien ippubblika din l-attribuzzjoni fil-ktieb tiegħu 'Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha' fl-1930 bħala fatt, u mhux bħala ipotesi, u minn dak iż-żmien din bdiet tgawdi popolarità kbira. F'kull pubblikazzjoni riċenti



**Il-Kwadru Titulari tal-knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard - xogħol ta' Pasquale Buhagiar fl-1681.**

ssib illi l-pittura Titulari tal-Mosta hija ta' Pasquale Buhagiar, u dan l-artist kważi sar sinonimu mal-Mosta. Fil-verità, id-dokument oriġinali tal-kummissjoni ta' din il-pittura, li jinstab f'legat ta' Don Giacomo Chetcuti tal-5 ta' Ġunju 1678, fl-atti tan-nutar G.P. Fenech, ma jagħmel l-ebda referenza għall-artist.

*Kif bdejt tikkonvinċi ruħek li dik il-pittura hija Erardi u mhux ta' Buhagiar?*

Meta bdejt nistudja dan il-kwadru kont irrimarkajt li ma kienx hemm xebh bejnu u kwadru ieħor tal-istess suġġett attribwit ukoll lil Pasquale Buhagiar. Qed nirreferi għall-pittura titulari tal-Assunta fil-knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard. Ma kelli l-ebda dubju li dawn ma kinux tal-istess artist. Id-diffikultà tiegħi kienet illi ma kellniex kwadri oħrajn ta' Pasquale Buhagiar li kienu attribwiti jew iddokumentati u għalhekk kelli nibbaża kollox fuq analiżi teknika u stilistika. Bdejt niġbor diversi kwadri fi knejjes oħrajn, kwadri illi ħsibt li setgħu jiġu attribwiti lill-pittur jew dak l-artist li pitter il-kwadru ta' Ħ'Attard. Fl-istess ħin, bdejt nara xebh kbir bejn dak tal-Mosta u x-xogħol ta' Stefano Erardi.

*Però x'ġagħlek tkun daqshekk konvint li tattribwixxi dan it-Titular tal-Mosta lil Erardi?*

Ġara illi ftit tas-snin ilu nstab dokument oriġinali tal-1681 fejn bl-aktar mod ċar jindika li l-kwadru ta' Ħ'Attard pittru Pasquale Buhagiar. Din kienet iċ-ċavetta ewlenija li fetħitli l-bieb beraħ biex nattribwixxi diversi kwadri lil Pasquale Buhagiar. Ippubblikajt diversi minnhom, fosthom numru ta' xogħlijiet li jinsabu Ħaż-Żebbuġ, fil-ktieb tiegħi '*Baroque Painting in Malta*' (*Midsea Books*, 2009). Sfortunatament, Pasquale Buhagiar miet pjuttost żgħir u qatt ma kienet saret lista tax-xogħol tiegħu. Ovvjament, mal-miġja taż-żmien, il-pittura tiegħu ntesiet u ħafna minn xogħlu sar 'anonimu'.

*Il-ktieb 'Baroque Painting in Malta' hu miżgħud b'fotografija eċċellenti. Għenitek xejn din il-biċċa xogħol mirquma?*

Il-fotografija hija mportanti ħafna. Tant li bdejt kampanja ta' fotografija professjonali biex niġbor flimkien dawn il-kwadri kollha ħalli nkunu nistgħu nagħmlu paragun u analiżi viżwali aktar effettiva. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-fotografu Joe P. Borg tax-xogħol siewi li għamel.

*Il-pittura tal-Mosta ġiet restawrata diversi drabi, taħseb li setgħet saritilha xi ħsara? Kien hemm xi diffikultajiet biex tasal għall-attribuzzjoni lil Stefano Erardi?*

Il-fatt illi l-kwadru tal-Mosta tkabbar fis-seklu dsatax, ġie restawrat diversi drabi, u wkoll jinstab inwaħħal fil-għoli, ħolqu ftit ta' problemi sakemm identifikajt eżatt dawk li huma l-partijiet illi għadhom



**Dettall ieħor mit-Titular tal-Mosta ta' Erardi li jevidenzja b'mod ċar it-tibdil li sar fih matul is-snin. (ritratt: Mark Micallef)**



**Dettall artistiku mill-Assunzjoni ta' Stefano Erardi li nsibu fir-Rotunda tal-Mosta. (ritratt: Mark Micallef)**

m'humiex mittiefsa. Il-format oriġinali, kif jaf kulhadd, tbiddel u għalhekk il-kompożizzjoni ttawlet minn fuq. Minn barra dan, hemm diversi figuri, anġli, sħab, u parti mis-sema illi ż-żebgħa oriġinali ta' Erardi m'għadhiex tidher. Meta wieħed ineħħi minn moħħu dawn il-partijiet u jikkonċentra biss fuq dak li huwa oriġinali ma jibqa' l-ebda dubju li x-xogħol huwa ta' kwalità għolja ħafna u li l-attribuzzjoni lil Stefano Erardi hija waħda soda.

*Fir-Rotunda tal-Mosta għandna ħdax-il biċċa xogħol ta' Stefano Erardi, fosthom żewġ pitturi mportanti ħafna*

*- dik ta' San Bastjan, Santu Rokku u Santa Rożalija li ħadem fl-1676 u dik tal-Madonna taċ-Ċintura li pitter fl-1677, x'taħseb li hi r-raġuni għala m'hemmx il-firma tiegħu fuq it-Titular?*

Irridu niftakru li ftit huma l-kwadri ffirmati minn Stefano Erardi. U fuq kollox dak iż-żmien ma kinitx id-drawwa li jiġi ffirmat kull kwadru mpitter. Per eżempju nistgħu nsemmu li anki l-pittura ta' 'L-Inżul tal-Ispirtu s-Santu' fil-knisja tal-Kunċizzjoni Immakulata f'Bormla, kif ukoll dik ta' 'Il-Lunzjata' li nsibu fil-Katidral tal-Imdina, it-tnejn huma ta' Erardi, iżda mhumiex iffirmati.

*It-tradizzjoni Mostija dejjem attribwiet it-Titular lil Pasquale Buhagiar, tant li anki triq prominenti għandna msemmija għalih. Iżda kif tista' tikkonvinċi lil min għadu xettiku dwar din l-attribuzzjoni lil Erardi?*

Nifhem ukoll ċerti dubji li forsi kien hemm, jew għad hemm, f'moħħ xi Mostin. Bħal ma jiġri dejjem f'postijiet fejn attribuzjoni antika titbiddel issib dawk li jkunu ftit xettiċi għaliex, iktar minn oħrajn, ikunu marbuta mat-tradizzjoni. Però rridu nżommu f'moħħna li filwaqt li ċerti attribuzzjonijiet antiki huma validi u korretti, hemm dawk li jkunu żbaljati. Irridu nżommu f'moħħna kemm fl-istudju tal-istorja tal-arti huma ta' mportanza kbira l-analiżi pittorika, teknika, u stilistika, u għandna nistudjaw kif il-karatteristiċi tal-artisti ewlenin huma differenti minn wieħed għal ieħor. B'hekk biss, u bl-għajnuna tad-dokumenti, tista' tiġi kkonfermata jew irranġata attribuzzjoni.

*Dr. Sciberras, iltqajt ma' xi każijiet simili?*

Iva. Hawnhekk nixtieq insemmi illi fl-aħħar ktieb tiegħi attribwejt diversi kwadri oħra lil Stefano Erardi. Fost dawn hemm kwadru kbir u sabiħ tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu li hemm fil-knisja parrokkjali ta' Bormla. Meta reċentement din il-pittura ġiet irrestawrata (mill-kumpanija tar-restawr ReCoop) ħarġet is-saħħa kollha ta' dan l-artist, bil-personaġġi, kwalitajiet, u kuluri tipiċi tiegħu. Hawnhekk ukoll, ftit kienu dawk li bassru li dan il-kwadru seta' joħroġ daqstant b'saħħtu u li l-attribuzzjoni kienet se tkun daqstant ovvja u ċara.

*Kif tispjega, ovvjament fi kliem sempliċi, dan il-kwadru Titulari tal-Mosta?*

F'dan il-kwadru, Erardi juża kompożizzjoni klassika li hija tipika tal-Barokk tas-seklu sbatax. Il-Madonna tiegħu pożizzjoni meraviljuża waqt illi fin-



**'L'Assunzione' (1601) li nsibu fil-Cappella Cerasi ta' Santa Maria del Popolo f'Ruma - xogħol ta' Annibale Carracci (1560-1609), li żgur kien ta' ispirazzjoni għal Stefano Erardi biex pitter it-Titular tal-Mosta.**



**Il-kappella magħrufa bħala Ta' Wejda, li tinsab lejn l-inħawi tat-Torri Cumbo, il-Mosta.**



**Il-kappella tal-Viżitazzjoni, magħrufa bħala Ta' Wejda, kif tidher imżejna għall-festa.**

naħa t'isfel il-moviment tad-dixxipli joħloq sens sabiħ ta' drammatizzazzjoni. Ta' min jinnota kif, f'din il-parti t'isfel, Erardi jagħmel ċitazzjoni diretta minn fuq il-kwadru ċelebri tal-istess suġġett li pitter Annibale Carracci (Santa Maria del Popolo, Ruma). L-istess figura tinstab ukoll fil-kwadru tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu li Erardi pitter għall-knisja parrokkjali ta' Bormla.

*B'kull rispett lejn Pasquale Buhagiar il-pittura ta' Stefano Erardi ċertament li hija aktar prestiġjuża. Iżda kif tikklassifika din il-pittura tar-Rotunda tal-Mosta fost ix-xogħlijiet ta' Erardi?*

Din l-attribuzzjoni tpoġġi l-kwadru tal-Mosta, li tpitter fl-1681, fost ix-xogħlijiet l-iktar importanti ta' Erardi. Hawnhekk, ta' min isemmi, l-Adorazzjoni tar-Re Maġi (Kon-Katidral ta' San Ġwann, Valletta), San Pawl Nawfragu f'Malta (Knisja ta' San Pawl, ir-Rabat), u l-Lunzjata (Knisja tal-Karmelitani, l-Imdina).

*Tista' tagħti xi ftit tagħrif dwar Pasquale Buhagiar fil-Mosta?*

Ironikament, fil-Mosta hemm kwadru ieħor tal-Assunta li naħseb illi għandu jiġi attribwit lil Pasquale Buhagiar. Dan huwa kwadru pjuttost imdaqqas li hemm fil-knisja tal-Viżitazzjoni, magħrufa bħala Ta' Wejda. Ta' min jgħid illi, forsi, it-taħwida bejn artist u ieħor oriġinalment saret minħabba dan il-kwadru. Inħeġġeġ li ssir riċerka dokumentarja fuqu.



**Pittura tal-Assunta: xogħol Pasquale Bughagiar li nsibu fil-kappella ta' Wejda, li ċertament hemm xebħ kbir bejnu u bejn it-Titular tal-kniska parrokkjali ta' Ħ'Attard.**

*Dr. Sciberras, nirringrazzjak ħafna, anki għan-nom tal-Komunità Mostija talli fl-aħħar, bis-saħħa tar-riċerka tiegħek, instab min hu l-veru pittur tat-Tiutular tal-Assunta tant għażiż għalina. U biex tikkonkludi...*

Inħeġġeġ ukoll li kemm il-kwadru li nsibu fil-kappella Ta' Wejda, kif ukoll it-Titular ta' Erardi fir-Rotunda, jiġu rrestawrati u biex forsi xi darba ssir wirja bil-kwadri prinċipali tal-Assunta mpittra f'dan il-perjodu. F'dan il-kuntest, wieħed irid jinnota l-kwadru meraviljuż ta' Mattia Preti li hemm fil-knisja parrokkjali ta' Ħal-Luqa.



**Dr. Keith Sciberras mal-awtur u bintu Olivia Deguara fit-18 ta' Marzu, 2010. (ritratt: Victor B. Caruana)**

## Profil: Dr. Keith Sciberras Ph.D

Dr. Keith Sciberras huwa *Senior Lecturer* fid-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta. Huwa ukoll *Senior Fellow* fl-Arti Barokka fid-Dipartiment tal-Pittura Ewropea fil-Metropolitan Museum ta' New York. U ġie mogħti l-Premju Nazzjonali Malti tal-'Ktieb tar-Riċerka' fl-2006.

Huwa ppubblika diversi studji u kotba fuq l-arti Barokka, fosthom xogħol estensiv fuq is-suġġett Caravaggio, l-iskultura Barokka Rumana u pittura Barokka. Il-pubblikazzjonjiet tiegħu jinkludu: '*Roman Baroque Sculpture for the Knights of Malta*' (2004); '*Caravaggio: Art Knighthood and Malta*' (2006); ma' David M. Stone: '*Melchiorre Gafà - Maltese Genius of the Roman Baroque*' (2006); '*Caravaggio and the Paintings of Realism in Malta*' (2007 ko-editur); u numru sostanzjali ta' artikli fl-aqwa ġurnali internazzjonali, fosthom '*The Burlington Magazine*' u '*Paragone Arte*'.

Sciberras ikkontribwixxa f'diversi proġetti ta' riċerka internazzjonali u esebizzjonijiet, u fosthom jinkludu l-milestone '*Caravaggio: The Final Years*' (Napli-Londra, 2004/5). Huwa ta lekċers fl-universitajiet l-aktar importanti, mużewijiet u istituzzjonijiet tal-arti fl-Ewropa u fl-Istati Uniti.